MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Numru. 334/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Hubert Cini**

**VS**

**Sandra Gili detentrici tal-karta tal-identita' numru 237076M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Sandra Gili** li giet akkuzata talli:

1. Fis-7 ta' Marzu, 2015 bejn 23:16hrs u 23:21hrs fil-fond maghruf bhala Lick 'n' Chick, gewwa Triq Bormla, Paola, seraq mobile phone tal-ghamla Samsung Duos iswed IMEI numru 357216065938319 valur ta' €145 ghad-detriment ta' Emmanuel Ellul liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 270, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputata mal-interrogatorju, u dan wara li giet moghtija zmien xieraq mill-Qorti sabiex terga' tahseb dwar l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputata ddikkjarat li ma kellhix oggezzjoni.

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputata, kif giet infurmata l-Qorti mill-Ufficjal Prosekutur, mal-ewwel irritornat ic-cellulari mehud.

Id-Difiza argumentat illi dan minnha ttiehed taht l-impressjoni li kien ic-cellulari ta' bintha.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputata Sandra Gili hatja tal-akkuzi prospettati taht l-Artikoli 261, 270, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi ta' ksur tas-sentenza lilha moghtija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------